# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU1483

Kaz Nru 1803/FM

Fil-kwisjoni tax-xoghol

bejn

Alfred Formosa

u

Muscat Motors Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 ta' Frar 2004

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie prezentat fil-5 ta' Settembru 2003 mis-sur Andrew Mizzi u l-Avukati Aron Mifsud Bonnici u Marvic DeBarro f'isem is-sur Alfred Formosa li allega li gie licenzjat mis-socjeta Muscat Motors Limited ghal raguni li mhix tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-socjeta, li kienet rapprezentata mill-Avukat Louis Thompson, cahdet dan. Inzammu seba' seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali irid jinghad li minkejja l-isforzi tat-Tribunal biex il-kaz jinqatgha fil-perijodu preskritt mill-ligi bl-infrastruttura disponibbli lill-istess Tribunal kien umanament impossibbli li dan isir.

## 2. Fatti tal-Kaz

Il-Kumpanija Appellata tallega li l-Appellant, li kien jahdem maghha, nhar l-4 ta' Lulju 2003 waqt il-hin tax-xoghol inqabat rieqed u din skond il-ftehim kollettiv hija bazi ghal-licenzjament. L-Appellant jghid li huwa kellu ugigh ta' ras qawwija u wara li kien ha hafna

*panadols* hassu ghajjien u mar jistrieh waqt il-*break*, dam xi ftit u inqabad mill-*General Manager* li ma ried jisma bl-ebda mod l-ispjegazzjoni tieghu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-tezi tal-Kumpanija Appellata tinpernja ruhha fuq il-fatt li l-Appellant inqabad rieqed waqt il-hin tax-xoghol, infrazzjoni li skond il-Ftehim Kollettiv iggorr maghha l-piena massima tat-tkeccija. Oltre dan l-Appellant huwa addebitat b'infrazzjoni ohra precedenti li giet kastigata bi tliet ijiem sospensjoni mix-xoghol u twiddiba li kaz iehor ta' dixxiplina tirrendih soggett ghal licenzjament.

L-Appellant li kien ilu jahdem mall-Kumpanija ghal 35 sena jghid li hu kien ibati minn pressjoni gholja, li fil-fatt irrizultat fi *blackout* xi granet wara l-incident tat-tkeccija. Ikkontesta wkoll il-kaz ta' sospensjoni. Ressaq ukoll biex jixhdu t-tabib tal-familja tieghu kif ukoll it-tabiba li kienet ratu meta mar il-*polyclinic* wara l-hass hazin li kien tah.

Mill-banda l-ohra l-Kumpanija Appellata tallega li l-ghejja u l-pressjoni gholja li l-Appellant kien jilmenta minnhom setghu kienu kagun ta' sieghat twal u ezagerati li l-Appellant kien jaghddi f'xoghol *part-time* li ma kellux x'jaqsam max-xoghol normali tieghu.

Lit-Tribunal jirrizultalu li ma hemmx dubju dwar il-fatt li l-Appellant inqabad waqt il-hin tax-xoghol bil-qeghda, aktarx rieqed, izda certament mhux fuq xogholu kif kien suppost qieghed. Il-kwistjoni kollha kienet jekk ma kienx jiflah jew le. L-Appellant ipprova juri li matul dik il-guranta tal-incident li wassal ghall-licenzjament tieghu gera 'l hawn u 'l hemm biex jakkwista l-*panadols* u dana biex juri li fil-fatt ma kienx jiflah dakinhar. Izda ma kkonvinciex minn dan ghaliex minkejja l-isforzi tieghu ma rrizultax li kien hemm xi hadd li kien jaf li dakinhar ma kienx f'sikktu. It-tentattiv tieghu biex johloq prova *post factum* kif jirrizulta minn dak li xehed is-*Sales Manager* Louis Dalli ghandha xamma ta' *cover-up*. Irrizulta wkoll illi fil-hin tal-*break* kien jistrieh u gieli jorqod. Dana fih in-nifsu ma kienx jammonta ghall-infrazzjoni ghaliex fil-hin tal-mistrieh kulhadd jista jaghmel li jrid. Izda din trid tintrabat mal-fatt li l-Appellant kien jahdem sieghat twal inkluz xi ljieli bhala *part time*. Dana ukoll ma jridx jigi interpretat li huwa xi haga negattiva. Ghaliex irrizulta li ma kienx hemm xi regola fil-kumpanija li tipprojbixxi dan. Izda meta wiehed jikkonsidra, u dan gie pruvat, li l-Appellant matul il-lejl precedenti kien hadem ghal tnax il-siegha bla waqfien u imbaghad irrapporta ghax-xoghol normali tieghu bilfors trid issaqsi lilek innifsek jekk ix-xoghol *part time* kellux effett negattiv mhux biss fuq is-sahha tal-Appellant izda anke fuq ir-rendiment tieghu fil-kumpanija.

It-Tribunal jippreokkupah il-fatt li haddiem li kellu hajja lavorattiva hekk twila ma' l-istess kumpanija jispicca biex jitkecca. Dan il-fatt irid jitpogga f'keffa wahda tal-mizien. Fil-keffa l-ohra wiehed irid ipoggi l-fatt li l-Appellant kien ga addebitat b'nuqqas serju u bi twissija li infrazzjoni ohra tirrendih soggett ghat-tkeccija. Ma' dan wiehed irid ukoll izid li l-infrazzjoni in ezami kellha tirrizulta awtomatikament, skond il-ftehim kollettiv, f'*summary dismissal*. Dana certament ma jistghax jigi njorat mit-Tribunal.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li semgha x-xhieda, fela d-dokumenti u ra t-trattazzjoni tal-partijiet jiddecidi li l-Appellant Alfred Muscat gie licenzjat mill-Kumpanija Appellata Muscat Motors Ltd ghal raguni gusta u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijet**

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja